Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1439/95**

tas-26 ta' Ġunju 1995

li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3013/89 fir-rigward tal-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti fis-settur tal-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż

(ĠU L 143, 27.6.1995, p. 7)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1964/95 tad-9 ta' Awissu 1995	L 189	23	10.8.1995
►**M2**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2526/95 tas-27 ta' Ottubru 1995	L 258	48	28.10.1995
►**M3**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1764/98 ta' l-10 ta' Awissu 1998	L 223	4	11.8.1998
►**M4**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 344/1999 tas-16 ta' Frar 1999	L 43	6	17.2.1999
►**M5**	Commission Regulation (EC) No 2534/2000 of 17 November 2000 (*)	L 291	6	18.11.2000
►**M6**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 272/2001 tad-9 ta' Frar 2001	L 41	3	10.2.2001
►**M7**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 514/2008 tad-9 ta' Ġunju 2008	L 150	7	10.6.2008
►**M8**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 653/2011 tas-6 ta' Lulju 2011	L 179	1	7.7.2011
►**M9**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013	L 158	74	10.6.2013

NB: Din il-verżjoni konsolidata tinkludi referenzi għall-unità Ewropea ta' kont u/jew l-eku, li mill-1 ta' Jannar 1999 għandha tinftiehem bħala referenza għall-euro – Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3308/80 (ĠU L 345, ta' l-20.12.1980, p. 1) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1103/97 (ĠU L 162, tad-19.6.1997, p. 1).

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1439/95

tas-26 ta' Ġunju 1995

li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3013/89 fir-rigward tal-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti fis-settur tal-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż

IL-KUMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3013/89 tal-25 ta' Settembru 1989 dwar l-organizzazzjoni tas-suq fil-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (EC) Nru 1265/95 [2], u b'mod partikolari Artikoli 9(2) u 12 (4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3290/94 tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar l-aġġustamenti u l-arranġamenti transitorji meħtieġa fis-settur tal-biedja sabiex jiġi implimentat l-ftehim konkluż matul il-Laqgħat tal-Urugwaj dwar negozjati kummerċjali multilaterali [3], u b'mod partikolari Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3491/93 tat-13 ta' Diċembru 1993 dwar ċerti proċeduri sabiex jiġi applikat il-Ftehim Ewropa li jwaqqaf assoċjazjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti 'l waħda, u r-Repubblika tal-Ungerija, mill-parti 'l oħra [4], u b'mod partikolari Artikolu 1 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3492/93 tat-13 ta' Diċembru 1993 dwar ċerti proċeduri sabiex jiġi applikat il-Ftehim Ewropa li jwaqqad assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti 'l waħda, u r-Repubblika tal-Polonja, mill-parti 'l oħra [5], u partikolari Artikolu 1 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3296/94 tad-19 ta' Diċembru 1994 dwar ċerti proċeduri sabiex jiġi applikat il-Ftehim Ewropa li jwaqqaf assoċjazjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti 'l waħda, u r-Repubblika Ċeka, mill-parti 'l oħra [6], u b'mod partikolari Artikolu 1 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament al-Kunsill (KE) Nru 3297/94 tad-19 ta' Diċembru 1994 dwar ċerti proċeduri sabiex jiġi applikat il-Ftehim Ewropa li jwaqqaf assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti 'l waħda, u r-Repubblika Slovakka, mill-parti 'l oħra [7], u b'mod partikolari Artikolu 1 tiegħu,

---

[1] ĠU L 289, tas-7.10.1989, p. 1
[2] ĠU L 123, tat-3.6.1995, p. 1.
[3] ĠU L 349, tal-31.12.1994, p. 105.
[4] ĠU L 319, tal-21.12.1993, p. 1
[5] ĠU L 319, tal-21.12.1993, p. 4.
[6] ĠU L 341, tat-30.12.1994, p. 14.
[7] ĠU L 341, tat-30.12.1994, p. 17.

▼B

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3382/94 tad-19 ta' Diċembru 1994 dwar ċerti proċeduri sabiex jiġi applikat il-Ftehim Ewropa li jwaqqaf assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda, u r-Rumanija, mill-parti l-oħra ([1]), u b'mod partikolari Artikolu 1 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3383/94 tad-19 ta' Diċembru 1994 dwar ċerti proċeduri sabiex jiġi applikat il-Ftehim Ewropa li jwaqqaf assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti 'l waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija, mill-parti 'l oħra ([2]), u b'mod partikolari Artikolu 1 tiegħu,

Billi skond il-Ftehim dwar il-Biedja konkluż fil-qafas tal-Laqgħat tal-Urugwaj ta' negozjati kummerċjali multilaterali ([3]), il-Komunità indaħlet sabiex tibdel l-imposti varjabbli fuq l-importazzjoni b'dazji doganali fissi mill-1 ta' Lulju 1995; billi l-Ftehim dwar il-Biedja jipprovdi wkoll għall-bdil tal-arranġamenti speċjali preżenti ma' pajjiżi terzi dwar l-importazzjoni ta' prodotti mis-settur tan-nagħaġ u l-mogħoż b'sistema ta' kwoti tat-tariffi; billi dan it-tibdil jeħtieġ l-adozzjoni ta' regoli dettaljati ġodda kif ukoll it-tħassir ta' ċerti regoli eżistenti; billi huwa xieraq fl-interess tat-trasparenza illi jiġu miġbura f'Regolament wieħed ir-regoli dwar l-amministrazzjon tal-kwoti kollha tat-tariffi u jiġi provdut għall-ftuħ ta' kwoti varji f'testi legali separati;

Billi minn issa 'l quddiem id-dazju li jrid jitħallas mat-tagħrif għal ġewwa l-Komunità huwa iffissat fit-Tariffa Doganali Komuni;

Billi huwa xieraq li jinżamm l-obbligu li tintbagħat liċenza ma' l-importazzjoni u ma l-esportazzjoni tal-prodotti kollha fis-settur, għajr fil-każ ta' nagħaġ u mogħoż ta' razza pura u ċerti ġewwenijiet u xaħmijiet;

Billi ġaladarba l-Ftehim dwar il-Biedja jeħtieġ il-konverżjoni ta' Ftehimijiet Volontarji Ristrettivi fi kwoti tat-tariffa speċifiċi huwa meħtieġ li jiġi provdut għal sistema ta' amministrazzjoni li tiżgura illi dawk il-prodotti biss li joriġinaw minn dawn il-pajjiżi speċifiċi jkunu jistgħu jiġu importati skond il-kwoti tat-tariffa; billi din il-kunsiderazzjoni tal-aħħar kif ukoll il-ħtieġa li tiġi żgurata transizzjoni bla xkiel għar-reġim il-ġdid jeħtieġu sistema fejn il-ħruġ ta' liċenza ta' importazzjoni jsir bla ħsara għall-preżentazzjoni ta' dokumet tal-oriġini maħruġ minn awtorità tal-Istat tal-esportazzjoni li jħares ċerti kriterji u li jkun ġie rikonoxxut mill-Komunità; billi huwa għalhekk meħtieġ li jiġu iffissati dawn il-kriterji u b'mod partikolari li jiġi meħtieġ mill-awtoritajiet tal-ħruġ tal-pajjiżi tal-esportazzjoni li jiġu effettwati kontrolli sabiex iż-żamma tal-kwantitajiet li jistgħu jiġu importati skond il-kwoti, partikolarment permezz ta' sistema ta' notifikazzjonijiet preċiżi u regolari lill-Kummissjoni dwar il-kwantitajiet li fir-rigward tagħ hom ikunu ġew maħruġa d-dokumenti tal-oriġini;

([1]) ĠU L 368, tal-31.12.1994, p. 1.
([2]) ĠU L 368, tal-31.12.1994, p. 5.
([3]) ĠU L 336, tat-22.12.1994, p. 22.

▼B

Billi għandhom jiġu preskritti regoli dwar il-format u d-dettalji l-oħra tad-dokument tal-oriġini kif ukoll il-proċeduri li jridu jiġu segwiti fir-rigward tal-mod ta' kif irid jinħareġ u l-konverżjoni tiegħu f'liċenza ta' importazzjoni; billi l-introduzzjoni ta' kwoti ta' kull sena tat-tariffa jeħtieġ ukoll regoli stretti rigward il-validità tad-dokumenti tal-oriġini u tal-liċenzi ta' importazzjoni;

Billi l-importazzjonijiet preferenzjali addizzjonali provduti bil-Ftehimijiet ta' Assoċjazzjoni mal-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali għandhom jiġu amministrati bl-istess mod bħall-kwoti lejn pajjiżi speċifiċi li jirriżultaw mil-Laqgħat tal-Urugwaj ta' negozjati kummerċjali multilaterali;

Billi l-Komunità ndaħlet ukoll fil-Laqgħat tal-Urugwaj ta' negozjati kummerċjali multilaterali li tiftaħ kwota tat-tariffa mhux speċifikata għal xi pajjiż għajr dawn li għalihom tkun ġiet provduta kwota speċifika għall-pajjiż; billi huwa xieraq illi din il-kwota tiġi amministrata bl-istess mod bħas-sistema awtonoma ta' importazzjoni preskritta fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3653/85 ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2779/93 ([2]); billi r-regoli dettaljati għandhom għalhekk jipprovvdu għall-ħruġ ta' liċenzi ta' importazzjoni fuq il-bażi ta' kull tlett xhur u, fejn meħtieġ, l-applikazzjoni ta' koeffiċjent ta' tnaqqis;

Billi l-amministrazzjoni effiċjenti ta' dawn il-kwoti tat-tariffa teħtieġ wkoll kurrent regolari ta' tagħrif mill-Istati Membri lill-Kummissjoni dwar il-kwantitajiet li fir-rigward tagħhom jkunu nħarġu l-liċenzi; billi l-frekwenza tan-notifiki li għandhom x'jaqsmu ma' kwota speċifika għal pajjiż għandhom jiġu miżjuda meta l-kwota ta' kull sena tkun waslet biex tinħela; billi l-Istati Membri għandhom ukoll jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet li għalihom ikunu nħarġu liċenzi ta' esportazzzjoni;

Billi l-abolizzjoni tal-imposta varjabbli fuq l-importazzjoni u d-dħul ta' kwoti tat-tarriffa jeħtieġu li jiġu mħassra r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2668/80 ([3]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3890/92 ([4]), il-(KEE) Nru 19/82 ([5]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3302/94 ([6]), (KEE) Nru 20/82 ([7]), kif l-aħħar emendat bir-Regolamenti (KE) Nru 3302/94 (KEE) Nru 3653/85; billi huwa madankollu meħtieġ illi jiġi provdut illi dawn ir-regolamenti jibqgħu japplikaw għal-liċenzi ta' importazzjoni li jkunu ġew maħruġa taħthom;

Billi l-Kumitat ta' Ġestjoni għan-Nagħaġ u l-Mogħoż ma tax opinjoni fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

([1]) ĠU L 348, tal-24.12.1985, p. 21.
([2]) ĠU L 252, tad-9.10.1993, p. 10.
([3]) ĠU L 276, tal-20.10.1980, p. 39.
([4]) ĠU L 391, tal-31.12.1992, p. 51.
([5]) ĠU L 3, tas-7.1.1982, p. 18.
([6]) ĠU L 3, tas-7.1.1982, p. 26.
([7]) ĠU L 341, tat-30.12.1994, p. 45.

▼M7

Artikolu 1

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli ddettaljati speċifiċi għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni u taċ-ċertifikati bl-iffissar bil-quddiem implimentata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 ([1]) għall-prodotti mniżżlin fil-Parti XVIII ta' l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ([2]).

2. Għandhom japplikaw ir-Regolament (KE) Nru 376/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 ([3]), sakemm ma jkunx hemm dispożizzjoni mod ieħor f'dan ir-Regolament.

Artikolu 2

1. Il-prodotti li għalihom għandha tintwera liċenzja huma mniżżlin fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008.

2. It-Titolu II ta' dan ir-Regolament għandu japplika għall-importazzjonijiet ta' kull wieħed mill-prodotti mniżżlin fil-Parti XVIII ta' l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ([4]) importati taħt il-kwoti tat-tariffa amministrati b'metodi oħrajn u mhux b'dak ibbażat fuq l-ordni kronoloġika ta' meta tressqu l-applikazzjonijiet, skond l-Artikoli 308a, 308b u 308ċ tar-Regolament (KE) Nru 2454/93 ([5]).

▼M2

_____

▼B

IT-TITOLU I

Sistema *Standard* ta' Importazzjoni

▼M7

_____

▼B

IT-TITOLU II

Kwoti

Artikolu 7

Il-kwantitajiet ta' importazzjoni li għalihom jirreferi dan it-Titolu huma mniżżla fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1440/95 ([6]) u fir-regolamenti li joħorġu wara dwar il-kwoti tat-tariffa ta' kull sena.

([1]) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3.
([2]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([3]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.
([4]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([5]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.
([6]) ĠU L 143, tat-27.6.1995, p. 17

▼B

A. **L-importazzjoni ta' prodotti taħt il-kodiċi NM 0104 10 30, 0104 10 80, 0104 20 90 u 0204 skond il-kwoti tat-tariffa speċifiċi għall-pajjiż tal-GATT/WTO u skond is-sistemi ta' kwoti preferenzjali**

Artikolu 8

L-applikazzjonijiet għal liċenza ta' importazzjoni għall-importazzjoni skond il-kwoti tat-tariffa speċifiċi għall-pajjiż riferiti f'Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 3013/89 u għall-importazzjoni skond il-Ftehimijiet Ewropa li jwaqqfu assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom min-naħa ’l waħda, u l-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Polonja, l-iSlovakkja u r-Rumanija min-naħa ’l oħra, għandhom ikollhom magħhom dokument validu tal-oriġini.

Artikolu 9

1. Id-dokument tal-oriġini riferit f'Artikolu 8 għandu jkun validu biss jekk ikun mimli kif imiss u endorsjat, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, mill-awtorità tal-ħruġ murija fil-lista f'Anness I.

2. Id-dokument tal-oriġini għandu jitqies li kien endorsjat kif imiss jekk jispeċifika l-post u d-data tal-ħruġ u d-data finali tal-validità, u jekk iġorr it-timbru tal-awtorità tal-ħruġ u l-firma tal-persuna jew il-persuni li għandhom il-poter li jiffirmawh.

Artikolu 10

1. Id-dokument tal-oriġini riferit f'Artikolu 8 għandu jimtela fil-forma ta' oriġinal wieħed u tliet kopji numerati u b'kuluri differenti u għandu jkun ta' għamla li kampjun tagħha huwa muri f'Anness II.

Il-formola għandha tkun ta' qies ta' bejn wieħed u ieħor 210 × 297 mm. L-oriġinali għandu jkun imfassal fuq karta li tikxef kull tbagħbis b'mezzi mekkaniċi jew kimiċi.

2. Il-formoli għandhom jiġu stampati u miktuba tal-anqas f'wieħed mill-ilsna uffiċjali tal-Komunità.

3. L-original u l-kopji tiegħu għandhom jimtlew bil-kitba bl-idejn jew bit-tipa. Fil-każ tal-aħħar, iridu jimtlew bil-linka u b'ittri kbar.

4. Kull dokument ta'l-oriġini għandu jġorr numru individwali tas-serje allokat mill-awtorità tal-ħruġ riferita f'Artikolu 9. Il-kopji għandhom iġorru l-istess numru tas-serje bħall-oriġinal.

▼B

5. Kull dokument tal-oriġini għandu jkollu r-riferenza “maħruġ skond it-Titolu IIA tar-Regolament (KE) Nru 1439/95.”

6. L-awtorità tal-ħruġ għandha żżomm żewġ kopji u tagħti l-oriġinal u kopja waħda lill-applikant.

Artikolu 11

1. Id-dokument tal-oriġini għandu jkun validu għal tliet xhur mid-data attwali tiegħu tal-ħruġ imma f'kull każ mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru tas-sena tal-ħruġ tiegħu.

L-oriġinal tad-dokument tal-oriġini għandu jintbagħat, flimkien mal-kopja tiegħu, lill-awtoritajiet kompetenti fiż-żmien li tintbagħat l-applikazzjoni korrispondenti mal-liċenza ta importazzjoni.

Madankollu, mill-1 ta' Ottubru, id-dokumenti tal-oriġini li jkunu validi mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu tas-sena li tiġi wara għall-kwantitajiet fil-kwota għal dik is-sena jistgħu jinħarġu bil-kondizzjoni li ma jiġux użati fl-applikazzjoinijiet għal liċenzi ta' importazzjoni qabel l-1 ta' Jannar ta' dik is-sena.

2. L-oriġinal għandu jinżamm mill-awrtorita li toħroġ il-liċenza tal-importazzjoni. Iżda, fejn l-applikazzjoni għal liċenza ta' importazzjoni jkollha x’taqsam biss ma parti mill-kwantità li tidher fid-dokument oriġinali, l-awtorità tal-ħruġ għandha tiddikjara fuq dan tal-aħħar il-kwantità li rigward tagħha jkun ġie wżat u, wara li tkun ittimbratu, għandha tgħaddih lill-parti interessata.

Artikolu 12

1. Awtorità tal-ħruġ murija fil-lista mniżżla f'Anness I għandha:

(a) jkollha l-għarfien bħala tali mill-pajjiż terz tal-esportazzjoni;

(b) tindaħal sabiex tivverifika l-partikolaritajiet li jidhru fuq id-dokument tal-oriġini;

(ċ) tindaħal sabiex toħroġ id-dokumenti tal-oriġini biss fil-kwantitajiet u d-dazji provduti fir-Regolament (KE) Nru 1440/95 u fir-regolamenti li jiġu wara dwar il-kwoti ta' kull sena tat-tariffa;

(d) tindaħal li tikkomunika lill-Kummissjoni qabel il-ħmistax-il jum ta' kull xahar il-kwantitajiet, inklużi l-kodiċi NM, li rigward tagħhom ikunu nħarġu d-dokumenti tal-oriġini, flimkien man-numru tal-ħruġ ta' kull dokument u s-sena li jirriferi għalih, maqsuma skond id-dazju li jrid jitħallas u d-destinazzjoni maħsuba matul ix-xahar ta' qabel; madankollu, għall-prodotti kollha għandhom hekk kif ikunu ġew maħruġa d-dokumenti tal-oriġini għal 75 % tal-kwantitajiet involuti (jindaħlu, fuq it-talba tal-Kummissjoni, li jittrasmettu lill-Kummissjoni aktar spiss kull informazzjoni rilevanti);

(e) fuq it-talba tal-Kummissjoni, jindaħlu li jfornu lill-Kummissjoni u, fejn xieraq, lill-Istati Membri b'kull oġġett ta' informazzjoni rilevanti li jippermetti li jiġu verifikati l-partikolaritajiet li jidhru fid-dokumenti tal-oriġini.

▼M4

2. Il-lista tista' tiġi riveduta mill-Kummissjoni fejn kull awtorità li toħroġ id-dokumenti ma tkunx aktar rikonoxxuta, fejn tonqos li twettaq l-obbligi meħtieġa minnha jew fejn awtorità ġdida li toħroġ id-dokumenti tiġi maħtura.

▼B

Artikolu 13

1. Il-liċenza ta' importazzjoni riferita f'Artikolu 8 għandha tinħareġ mhux iktar tard minn jum wieħed tax-wieħed xogħol wara dak li fih tkun depożitata l-applikazzjoni. Bla ħsara għat-tielet paragrafu ta' Artikolu 11(1), għandha tibqa' valida sa' l-aħħar data tal-validità tad-dokument tal-oriġini mibgħut skond Artikolu 8 iżda mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru tas-sena tal-ħruġ tad-dokument tal-oriġini.

Madankollu, f'każi eċċessjonali debitament ġustifikati l-Istati Membri jistgħu jtawwlu l-validità ta' liċenza ta' importazzjoni għall-perjodu ta' żmien sal-25 ta' Jannar tas-sena ta' wara. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni qabel il-31 ta' Marzu ta' kull sena bil-kwantitajiet ta' importazzjoni u ċ-ċirkostanzi involti għal kull pajjiż li jipprovdi.

Madankollu, hekk kif il-Kummissjoni tkun talbet minn għand pajjiż li jipprovdi, b'mod konformi ma' Artikolu 12(1)(d), tagħrif iktar spiss dwar il-ħruġ ta' dokumenti tal-oriġini, il-Kummissjoni tista titlob illi l-liċenza ta' importazzjoni tinħareġ biss wara li l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta illi l-informazzjoni kollha fuq id-dokumenti tal-oriġini jaqbel mat-tagħrif riċevut mill-Kummissjoni permezz ta' komunikazzjoni iktar spiss dwar il-materja. ll-liċenza għandha tinħareġ minnufih wara.

2. Il-liċenzi ta' importazzjoni għandhom jinħarġu biss fil-limiti tal-kwantitajiet preskritti fil-kwoti relevanti tat-tariffa u bi tweġiba biss għall-applikazzjoni li tkun akkumpanjata minn dokument validu tal-oriġini maħruġ għall-istess sena kalendarja.

3. Mal-ħruġ tagħha, kull liċenza ta' importazzjoni għandu jkollha fil-Kaxxa 20 il-marka "maħruġa skond it-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 1439/95".

4. L-ebda garanzija ma hija meħtieġa għall-ħruġ tal-liċenza ta' esportazzjoni riferita fil-paragrafu 1.

5. Il-liċenza ta' importazzjoni trid tintbagħat lura lill-aġenzija tal-ħruġ malajr kemm jista' jkun wara l-użu tagħha u mhux iktar tard minn ħamest ijiem minn meta tiskadi.

Artikolu 14

▼M6

1. L-applikazzjonijiet tal-liċenzi u l-liċenzi għandu jkollhom fil-kaxxa 8 l-isem tal-pajjiż ta' oriġini. Fil-każ tal-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0104 10 30, 0104 10 80 u 0104 20 90, l-applikazzjonijiet tal-liċenzi u l-liċenzi għandu jkollhom fil-kaxxi 17 u 18 id-dettalji tal-massa netta u fejn xieraq in-numru ta' annimali li għandhom jiġu importati.

Il-liċenza tagħmel obbligatorju l-importazzjoni tal-prodotti mill-pajjiż indikat.

▼B

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8 (4) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88, il-kwantità għad-dispożizzjoni b'xejn m'għamdiex taqbeż il-kaxxi indikati 17 u 18 tal-liċenzja ta' l-importazzjoni;innumru "0" għaldaqstant f'kaxxa 19 tal-liċenzja rispettiva.

▼M6

3. Il-liċenzi ta' l-importazzjoni maħruġa għall-kwantitajiet riferiti fit-Taqsima 1 ta' l-Anness li jinsab mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2808/2000 ([1]) u r-regolamenti sussegwenti tal-kwoti fis-sena tat-tariffi għandu jkollhom fil-kaxxa 24 għall-inqas waħda mid-daħliet li ġejjin:

— Derecho limitado a 0 [aplicación de la parte 1 del anexo del Reglamento (CE) nº 2808/2000 y de posteriores Reglamentos por los que se establecen contingentes arancelarios anuales]

— Told nedsat til 0 (jf. del 1 i bilaget til forordning (EF) nr. 2808/2000 og efterfølgende forordninger om årlige toldkontingenter)

— Beschränkung des Zollsatzes auf Null (Anwendung von Teil 1 des Anhangs der Verordnung (EG) Nr. 2808/2000 und der späteren jährlichen Verordnungen über die Zollkontingente)

— Δασμός περιοριζόμενος στο μηδέν ġεφαρμογή του παραρτήματος I του κανονισμού (ΕΚ) αριθ. 2808/2000 και των μεταγενέστερων κανονισμών σχετικά με την ετήσια δασμολογική ποσόστωσηħ

— Duty limited to zero (application of Part 1 of the Annex to Regulation (EC) No 2808/2000 and subsequent annual tariff quota regulations)

— Droit de douane nul (application de la partie 1 de l'annexe du règlement (CE) nº 2808/2000 et des règlements ultérieurs sur les contingents tarifaires)

▼M9

— Carina ograničena na nultu stopu (primjena Dijela 1. Priloga Uredbe (EZ) br. 2808/2000 i naknadnih uredbi o godišnjim carinskim kvotama)

▼M6

— Dazio limitato a zero (applicazione della parte 1 dell'allegato del regolamento (CE) n. 2808/2000 e dei successivi regolamenti relativi ai contingenti tariffari annuali)

— Invoerrecht beperkt tot 0 (toepassing van deel 1 van de bijlage bij Verordening (EG) nr. 2808/2000 en van de latere verordeningen tot vaststelling van de jaarlijkse tariefcontingenten)

— Direito limitado a zero (aplicação da parte 1 do anexo do Regulamento (CE) n.º 2808/2000 e regulamentos subsequentes relativos aos contingentes pautais anuais)

— Tulli rajoitettu 0 prosenttiin (asetuksen (EY) N:o 2808/2000 liitteessä olevan 1 osan ja sen jälkeen annettujen vuotuisia tariffikiintiötä koskevien asetusten soveltaminen)

— Tull begränsad till noll procent (tillämpning av del 1 i bilagan till förordning (EG) nr 2808/2000 och i senare förordningar om årliga tullkvoter).

([1]) ĠU L 326, tat-22.12.2000, p. 1.

▼M6

4. Il-liċenzi ta' l-importazzjoni maħruġa dwar il-kwantitajiet riferiti fit-Taqsima 2 ta' l-Anness li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 2808/2000 u r-regolamenti sussegwenti tal-kwoti fis-sena tat-tariffi għandu jkollhom fil-kaxxa 24 għall-inqas waħda mid-daħliet li ġejjin:

— Derecho limitado a 0 (aplicación de la parte 2 del anexo del Reglamento (CE) nº 2808/2000 y de posteriores Reglamentos por los que se establecen contingentes arancelarios anuales)

— Told nedsat til 0 (jf. del 2 i bilaget i forordning (EF) nr. 2808/2000 og efterfølgende forordninger om årlige toldkontingenter)

— Beschränkung des Zollsatzes auf Null (Anwendung von Teil 2 des Anhangs der Verordnung (EG) Nr. 2808/2000 und der späteren jährlichen Verordnungen über die Zollkontingente)

— Δασμός περιοριζόμενος στο μηδέν ġεφαρμογή του παραρτήματος 2 του κανονισμού (ΕΚ) αριθ. 2808/2000 και των μεταγενέστερων κανονισμών σχετικά με την ετήσια δασμολογική ποσόστωση

— Duty limited to zero (application of Part 2 of the Annex to Regulation (EC) No 2808/2000 and subsequent annual tariff quota regulations)

— Droit de douane nul (application de la partie 2 de l'annexe du règlement (CE) nº 2808/2000 et des règlements ultérieurs sur les contingents tarifaires)

▼M9

— Carina ograničena na nultu stopu (primjena Dijela 2. Priloga Uredbe (EZ) br. 2808/2000 i naknadnih uredbi o godišnjim carinskim kvotama)

▼M6

— Dazio limitato a zero (applicazione della parte 2 dell'allegato del regolamento (CE) n. 2808/2000 e dei successivi regolamenti relativi ai contingenti tariffari annuali)

— Invoerrecht beperkt tot 0 (toepassing van deel 2 van de bijlage bij Verordening (EG) nr. 2808/2000 en van de latere verordeningen tot vaststelling van de jaarlijkse tariefcontingenten)

— Direito limitado a zero (aplicação da parte 2 do anexo do Regulamento (CE) n.º 2808/2000 e regulamentos subsequentes relativos aos contingentes pautais anuais)

— Tulli rajoitettu 0 prosenttiin (asetuksen (EY) N:o 2808/2000 liitteessä olevan 2 osan ja sen jälkeen annettujen vuotuisia tariffikiintiötä koskevien asetusten soveltaminen)

— Tull begränsad till noll procent (tillämpning av del 2 i bilagan till förordning (EG) nr 2808/2000 och i senare förordningar om årliga tullkvoter).

———————

▼B

B: **L-importazzjoni ta' prodotti skond il-kodiċi NM 0104 10 30, 0104 10 80, 0104 20 90 u 0204 skond il-kwoti tat-tariffa speċifiċi għall-pajjiż tal-GATT/WTO**

Artikolu 15

L-Istati Membri għandhom joħorġu liċenzi ta' importazzjoni għall-importazzjoni ta' prodotti skond il-kwoti tat-tariffa tal-GATT mhux speċifiċi għall-pajjiż lill-pajjiżi li jipprovdu għajr dawk imniżżla fit-Titotlu II. A.

▼M6

Matul kull l-ewwel tlett kwarti ta' kull sena, dawk il-liċenzi ta' l-importazzjoni għandhom jinħarġu fil-limiti ta' kwart mill-kwantitajiet, espressi f'tunnellati metriċi tat-toqol ħaj u riferiti fit-Taqsima 3 ta' l-Anness, u espressi f'tunnellati metriċi ta' l-ekwivalenti tal-karkassi u riferiti fit-Taqsima 4 ta' l-Anness li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 2808/2000 u r-regolamenti sussegwenti tal-kwoti fis-sena tat-tariffi.

▼B

Matul Settembru ta' kull sena l-Istati Membri għandhom joħorġu liċenzi ta' importazzjoni skond il-bilanċ li jibqa' minn dawn il-kwantitajiet.

Artikolu 16

▼M6

1. Il-kwantita massima kollox ma' kollox li tista' tapplika għaliha parti waħda billi tissottometti applikazzjoni waħda jew aktar għall-liċenza għandha tkun dik imniżżla fit-Taqsima 3 ta' l-Anness ji jinsab mar-Regolament (KE) Nru 2808/2000 u r-regolamenti sussegwenti tal-kwoti fis-sena tat-tariffi għall-kwart li fih il-liċenza(i) kkonċernata(i) hija(huma) mitfugħa.

▼B

2. L-applikazzjonijiet għal-liċenzi jistgħu jiġu depożitati biss matul l-ewwel 10 ijiem ta' kull wieħed mill-ewwel tliet kwarti tas-sena u matul l-ewwel għaxart ijiem ta' Settembru.

3. L-applikazzjonijiet għal-liċenzi, mqassma skond il-prodott (li jirreferu għall-kwantitajiet totali espressi fl-ekwivalent ta' karkassi) u skond il-pajjiż tal-oriġini, għandhom jintbagħtu mill-Istati Membri lill-Kummissjoni mhux iktar tard mis-sittax-il jum ta' kull wieħed mill-ewwel tliet kwarti tas-sena u sas-16 ta' Settembru, sal-5 p.m.

4. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, qabel is-sitta u għoxrin jum ta' kull wieħed mill-ewwel tliet kwarti tas-sena u qabel is-26 ta' Settembru skond il-prodott u skond il-pajjiż tal-oriġini, jew:

(a) li tawtorizza l-ħruġ tal-liċenzi għall-kwantitajiet kollha li dawrhom tkun saret applikazzjoni, jew

(b) li tnaqqas il-kwantitajiet kollha li dwarhom tkun saret applikazzjoni bl-istess perċentwali.

Bla ħsara għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni l-Istati Membri għandhom joħorġu l-liċenzi biss skond il-kwantitajiet li għalihom tkun intbagħtet applikazzjoni lill-Kummissjoni.

5. Il-liċenzi għandhom jinħarġu fit-tletin jum ta' kull wieħed mill-ewwel tliet kwarti tas-sena u fit-30 ta' Settembru.

6. Mal-ħruġ kull liċenza ta' importazzjoni għandu jkollha fil-Kaxxa 20 ir-riferenza "maħruġa skond it-Titolu II. B tar-Regolament (KE) Nru 1439/95."

▼B

Artikolu 17

1. Il-liċenzi ta' importazzjoni riferiti f'Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu validi għal tlett xhur mid-data tal-ħruġ tagħhom skond it-tifsira ta' Artikolu 21(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3919/88.

2. L-applikazzjonijiet għall-liċenzi u l-liċenzi għandu jkollhom imniżżla fil-Kaxxa 8 l-isem u l-pajjiż tal-oriġini. Fil-jaż tal-prodotti li jaqgħu fil-kodiċi NM 0104 10 30, 0104 10 80 u 0104 20 90, l-applikazzjonijiet għal-liċenzi u l-liċenzi għandu jkollhom imniżżla fil-Kaxxi 17 u 18 il-partikolaritajiet dwar il-massa netta u fejn xieraq in-numru tal-annimali li jkunu sejrin jiġu importati.

Il-liċenza għandha tagħmilha obbligatorju li l-prodotti jiġu importati mill-pajjiż indikat.

3. Minkejja Artikolu 8(4) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88, il-kwantità maħruġa fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa ma tistgħax taqbeż dik imniżżla fil-Kaxex 17 u 18 tal-liċenza ta' importazzjoni; iċ-ċifra "0" għandha tiddaħħal għal dan l-effett fil-Kaxxa 19 tal-liċenza msemmja.

▼M6

4. Il-liċenzji ta' l-importazzjoni maħruġa għall-kwantitajiet riferiti fit-Taqsima 3 ta' l-Anness li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 2808/2000 u r-regolamenti sussegwenti tal-kwoti fis-sena tat-tariffi għandu jkollhom fil-kaxxa 24 għall-inqas waħda mid-daħliet li ġejjin:

— Derecho limitado a 10 % [aplicación de la parte 3 del anexo del Reglamento (CE) nº 2808/2000 y de posteriores Reglamentos por los que se establecen contingentes arancelarios anuales]

— Told nedsat til 10 % (jf. del 3 i bilaget til forordning (EF) nr. 2808/2000 og efterfølgende forordninger om årlige toldkontingenter)

— Beschränkung des Zollsatzes auf 10 % (Anwendung von Teil 3 des Anhangs der Verordnung (EG) Nr. 2808/2000 und der späteren jährlichen Verordnungen über die Zollkontingente)

— περιοριζόμενος στο 10 % [εφαρμογή του παραρτήματος III του κανονισμού (ΕΚ) αριθ. 2808/2000 και των μεταγενέστερων κανονισμών σχετικά με την ετήσια δασμολογική ποσοστώσεις]

— Duty limited to 10 % (application of Part 3 of the Annex to Regulation (EC) No 2808/2000 and subsequent annual tariff quota regulations)

— Droit de douane 10 % (application de la partie 3 de l'annexe du règlement (CE) nº 2808/2000 et des règlements ultérieurs sur les contingents tarifaires)

▼M9

— Carina ograničena na 10 % (primjena Dijela 3. Priloga Uredbe (EZ) br. 2808/2000 i naknadnih uredbi o godišnjim carinskim kvotama)

▼M6

— Dazio limitato a 10 % (applicazione della parte 3 dell'allegato del regolamento (CE) n. 2808/2000 e dei successivi regolamenti relativi ai contingenti tariffari annuali)

— Invoerrecht beperkt tot 10 % (toepassing van deel 3 van de bijlage bij Verordening (EG) nr. 2808/2000 en van de latere verordeningen tot vaststelling van de jaarlijkse tariefcontingenten)

▼M6

— Direito limitado a 10 % (aplicação da parte 3 do anexo do Regulamento (CE) n.º 2808/2000 e regulamentos subsequentes relativos aos contingentes pautais anuais)

— Tulli rajoitettu 10 prosenttiin (asetuksen (EY) N:o 2808/2000 liitteessä olevan 3 osan ja sen jälkeen annettujen vuotuisia tariffikiintiötä koskevien asetusten soveltaminen)

— Tull begränsad till 10 % procent (tillämpning av del 3 i bilagan till förordning (EG) nr 2808/2000 och i senare förordningar om årliga tullkvoter).

5. Il-liċenzji ta' l-importazzjoni maħruġa għall-kwantitajiet riferiti fit-Taqsima 4 ta' l-Anness li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 2808/2000 u r-regolamenti sussegwenti tal-kwoti fis-sena tat-tariffi għandu jkollhom fil-kaxxa 24 għall-inqas waħda mid-dawl li ġejjin:

— Derecho limitado a 0 [aplicación de la parte 4 del anexo del Reglamento (CE) nº 2808/2000 y de posteriores Reglamentos por los que se establecen contingentes arancelarios anuales]

— Told nedsat til 0 (jf. del 4 i bilaget til forordning (EF) nr. 2808/2000 og efterfølgende forordninger om årlige toldkontingenter)

— Beschränkung des Zollsatzes auf Null (Anwendung von Teil 4 des Anhangs der Verordnung (EG) Nr. 2808/2000 und der späteren jährlichen Verordnungen über die Zollkontingente)

— Δασμός περιοριζόμενος στο μηδέν ġεφαρμογή του παραρτήματος 4 του κανονισμού (ΕΚ) αριθ. 2808/2000 και των μεταγενέστερων κανονισμών σχετικά με την ετήσια δασμολογική ποσόστωση

— Duty limited to zero (application of Part 4 of the Annex to Regulation (EC) No 2808/2000 and subsequent annual tariff quota regulations)

— Droit de douane nul [application de la partie 4 de l'annexe du règlement (CE) nº 2808/2000 et des règlements ultérieurs sur les contingents tarifaires]

▼M9

— Carina ograničena na nultu stopu (primjena Dijela 4. Priloga Uredbe (EZ) br. 2808/2000 i naknadnih uredbi o godišnjim carinskim kvotama)

▼M6

— Dazio limitato a zero [applicazione della parte 4 dell'allegato del regolamento (CE) n. 2808/2000 e dei successivi regolamenti relativi ai contingenti tariffari annuali]

— Invoerrecht beperkt tot 0 (toepassing van deel 4 van de bijlage bij Verordening (EG) nr. 2808/2000 en van de latere verordeningen tot vaststelling van de jaarlijkse tariefcontingenten)

— Direito limitado a zero [aplicação da parte 4 do anexo do Regulamento (CE) n.º 2808/2000 e regulamentos subsequentes relativos aos contingentes pautais anuais]

— Tulli rajoitettu 0 prosenttiin (asetuksen (EY) N:o 2808/2000 liitteessä olevan 4 osan ja sen jälkeen annettujen vuotuisia tariffikiintiötä koskevien asetusten soveltaminen)

— Tull begränsad till noll procent (tillämpning av del 4 i bilagan till förordning (EG) nr 2808/2000 och i senare förordningar om årliga tullkvoter).

▼B

Artikolu 18

1. Il-ħruġ tal-liċenza ta' importazzjoni għandu jkun bil-kondizzjoni li tiġi depożitata garanzija bħala sigurtà li l-imortazzjoni ssir matul il-perjodu tal-validità tal-liċenza. Il-garanzija għandha tintilef kollha kemm hi jekk il-ħidma ma tkunx ġiet imwettqa, jew tintilef parzjalment jekk ma' tkunx ġiet imwettqa ħidma parzjali f dan il-perjodu ta' żmien.

2. Il-livell tal-garanzija li għandu x'jaqsam mal-liċenza ta' importazzjoni għandu jkun:

— 1 ECU għal kull annimal għall-annimali ħajjin,

— 7 ECU għal kull 100 kg għall-prodotti l-oħra.

IT-TITOLU III

Notifikazzjoni

Artikolu 19

1. Fir-rigward tat-Titolu I, l-Istati Membri għandhom jittrasmettu lill-Kummissjoni qabel il-15 ta' Lulju u l-15 ta' Novembru ta' kull sena is-sitwazzjoni kumulattiva rigward il-liċenzi ta' importazzjoni maħruġa għall-perjodi ta' żmien minn Jannar sa Ġunju u minn Jannar sa Ottubru rispettivament. Għandhom ukoll jittrasmettu kull sena qabel il-31 ta' Jannar it-total finali kumulattiv tal-liċenzi ta' importazzjoni maħruġa matul is-sena ta' qabel.

2. Fir-rigward tat-Titolu II. A:

(a) L-istati membri għandhom jittrasmettu lill-Kummissjoni qabel il-ħames jum tax-xogħol ta' kull xahar, bit-telex jew bil-fax, il-kwantitajiet, skond il-prodott u skond il-pajjiż tal-oriġini, li rigward tagħhom matul ix-xahar ta' qabel:

— ikunu nħarġu l-liċenzi ta' importazzjoni riferiti f'Artikolu 8,

— ikunu ntużaw il-liċenzi ta' importazzjoni mi bgħuta lura lill-aġenzija tal-ħruġ skond Artikolu 13(5).

Iżda, hekk kif il-Kummissjoni tkun talbet minn pajjiż li jipprovdi, skond Artikolu 12(1)(d), tagħrif iktar spiss dwar il-ħruġ ta' dokumenti tal-oriġini, l-Istati Membri għandhom jittrasmettu wkoll lill-Kummissjoni l-istess tagħrif iktar spiss.

(b) L-Istati Membri għandhom jikkominkaw lill-Kummissjoni qabel il-15 ta' Lulju, il-15 ta' Settembru u l-15 ta' Novembru ta' kull sena, is-sitwazzjoni kumulattiva rigward il-liċenzi ta' importazzjoni maħruġa għall-perjodi ta' żmien minn Jannar sa Ġunju, minn Jannar sa Awissu u minn Jannar sa Ottubru rispettivament; għandhom ukoll jittrasmettu qabel il-31 ta' Jannar ta' kull sena it-total finali kumulattiv tal-liċenzi ta' importazzjoni maħruġa matul is-sena ta' qabel.

▼B

3. Fir-rigward tat-Titolu II. B, l-Istati Membri għandhom jittrasmettu lill-Kummissjoni qabel il-15 ta' Frar, il-15 ta' Mejju, il-15 ta' Awissu u l-15 ta' Ottubru ta' kull sena s-sitwazzjoni kumulativa rigward il-liċenzi ta' importazzjoni maħruġa fl-ewwel tliet kwarti u f'Settembru ta' kull sena.

▼M2

_____

▼B

Artikolu 20

Ir-Regolamenti (KEE) Nru No 2668/80, (KEE) Nru 19/82, (KEE) Nru 20/82 u (KEE) Nru 3653/85 huma b'dan imħassara. Madankollu, għandhom jibqgħu japplikaw għall-liċenzi ta' importazzjoni maħruġa skond dawn ir-regolamenti.

Artikolu 21

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum li jiġi wara l-pubblikazjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 1995.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Il-Lista tal-awtoritajiet fil-pajjiżi esportaturi bis-setgħa li joħorġu Dokumenti tal-oriġini

▼M8

1. L-Arġentina: Ministerio de Economia y Finanzas Publicas

▼B

2. L-Awstralja: ►M4 Dipartiment ta' l-Agrikoltura, tas-Sajd u tal-Forestrija ◄
3. Il-Bosnja-Ħerzegovina: Il-Kamra Ekonomika tal-Bosnja u l-Ħerzegovina
4. ►M1 Il-Bulgarija: Ministeru tal-Kummerċ u Kooperazzjoni Ekonomika Barranija ◄
5. Iċ-Ċile: Is-Servicio agricola y ganadero del Ministerio de Agricultura — Santiago
6. Il-Kroazja: L-"EUROINSPEKT", Zagreb
7. ►M1 L-Ungerija: Ministère de l'Industrie et du Commerce ◄
8. L-Islanda: Il-Ministeru tal-Kummerċ
9. Dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja: Chambre d'économie, Skopje
10. New Zealand: ►M3 New Zealand Meat Board ◄
11. ►M2 Il-Polonja: Polski Zwiazek Owezarski ◄
12. ►M1 Ir-Rumanija: Ministère du Commerce ◄
13. Is-Slovenja: L-"INSPECT", Ljubljana
14. Is-Slovakkja: Il-Ministeru tal-Ekonomija
15. Ir-Repubblika Ċeka: Il-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ
16. L-Urugwaj: L-Instituto nacional de carnes (Inac)

▼B

ANNESS II

Id-Dokument tal-oriġini

1. Esportatur (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	2. Nru ta' konsenja	**ORIĠINAL**
	3. AWTORITA` TAL-ĦRUĠ	
4. Konsenjatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)		
	5. Pajjiż ta' esportazzjoni	
	6. Pajjiż li ghalih mahsub	
Dokument tal-oriġini li jakkumpanja l-applikazzjoni ghal liċenza ghal-importazzjoni ta' nagħag, mogħoż, laħam tan-nagħaġ u laħam tal-mogħoż fil-Komunità Ewropea, maħruġ skond It-Titolu II. A tar-Regolament (KE) Nru	7. Mezzi tat-trasport mat-tluq	8. Rata ta' Dazju
Data tal-iskadenza		
9. Marki, numri, numru u xorta ta' pakketti; deskrizzjoni tal-oġġetti; natura u presentazzjoni tal-prodotti; jekk il-laħam hux frisk, imkessaħ jew tal-friża; numru ta' annimali		10. Kodiċi NM
		11. Massa netta (kg)
12. Massa netta (kg) (bil-kiem)		
ĊERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORITA` TAL-ĦRUĠ Jiena b'dan niċċertifika li l-kwantità murija fuq dan id-dokument ta' oriġini tirrappresenta... kg massa ta' karkassi (1) tal-kwantitàtotali koperta bir-Regolament (KE) Nru 1440/95 u bir-regolamenti sussegwenti tal-kwota tat-tariffa toriġina fi... Tirrelata ghall-kwota tat-tariffa ghas-sena... Post — Data *(Timbru tal-awtorità tal-ħruġ)* — *(Firma)*		

Timtela bit-tajpriter jew f'ittri kbar.

(1) Piż tal-karkassa (piż ekwivalenti bl-ghadam mhux imneħħi). Din l-espressjoni tfisser il-piż tal-laħam bl-ghadam mhux imneħħi presentat bħala tali kif ukoll laħam minghajr ghadam konvertit bil-koeffiċjent f'piż bl-ghadam mhux imneħħi. Ghal dan il-ghan 55 kg ta' laħam bl-ghadam imneħħi tal-muntun jew tal-mogħża barra minn tal-gidi jikkorrispondu ma' 100 kg ta' laħam bl-ghadam mhux imneħħi ta' muntun jew laħam tal-mogħża barra minn tal-gidi u 60 kg ta' laħam tal-haruf jew tal-gidi bl-ghadam imnehhi jikkorrispondu ma' 100 kg ta' laħam tal-haruf bl-ghadam mhux imneehhi. 100 kg piż haj jikkorrispondu ma' 47 kg ta' piż ta' karkassa piż ekwivalenti ta' laħam bl-ghadam mhux imneħħi).